SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IS-SITT KUNSILL

**LAQGĦA NUMRU 25-14 (Laqgħa msejħa b'urġenza)**

Illum it-Tnejn 10 ta' Marzu 2014
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fl-4.30pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri

**ASSENTI**

L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma' kienetx preżenti għal din il-Laqgħa

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. KUNTRATT ĠBIR TA' SKART IMHALLAT

Is-Sindku qal li din il-laqgħa ġiet imsejħa b'urġenza biex jiġi diskuss il-kuntratt il-ġdid tal-Ġbir ta' Skart Imħallat. Huwa qal li l-Kuntratt preżenti ser jagħlaq fl-aħħar ta' April 2014 għaldaqstant is-sejħa għal offerti trid toħroġ b'effett immedjat. Huwa qal li fid-dokument tat-*tender* iridu jitniżżlu l-ħinijiet u l-ġranet li fihom ikun ser jingħata dan is-servizz u issa huwa l-waqt li wieħed jirrevedi u jagħmel it-tibdiliet meħtieġa. Huwa kompla jgħid li jekk tħares lejn it-*trend* ta' kif qed jingħata dan is-servizz f'lokalitajiet oħra jidher li kważi l-Kunsilli kollha ma jiġbrux skart fil-ġurnata tal-Ħadd. Huwa qal ukoll li ħafna Kunsilli jħallu l-ġurnata tat-Tlieta għal ġbir ta' skart separat biss jiġifieri għal borża l-ġriża. Huwa ppropona li l-Kunsill jikkunsidra li jaddotta din is-sistema.

Saret diskussjoni twila f'dan ir-rigward u qamu ħafna argumenti dwar din il-proposta. Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li tħoss li b'din id-deċiżjoni is-sitwazzjoni tal-iskart ser tmur lura flok il-quddiem. Is-Sindku wieġeb li l-impenn tal-Kunsill hu li jeduka lir-residenti u mhux iħallihom fl-injoranza. Huwa qal li anki d-dokument tat-*tender* li nħareġ mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jirrakomanda li nhar ta' Tlieta tinġabar biss il-borża l-griża. Is-Sindku qal li waqt din id-diskussjoni ssemmew ħafna problemi u abbużi relatati ma' l-ġbir ta' skart u qal li dawn jikkonferma li minkejja li l-Kunsill jagħti servizz mit-Tnejn sa' l-Ħadd xorta waħda jkun hemm min jabbuża. Huwa semma lokalitajiet ħafna akbar minn dik ta' Santa Luċija li għandhom is-servizz ta' ġbir ta' skart kif kien qed jipproponi hu. Huwa qal li f'Birkirkara il-borża l-ġriża tinġabar darbtejn fil-ġimgħa u l-iskart imħallat jinġabar erba darbiet fil-ġimgħa biss. Semma wkoll iż-Żurrieq li wkoll qed jiġbor l-iskart imħallat erba' darbiet fil-ġimgħa bit-Tlieta jsir il-ġbir tal-borża l-griża u l-ġurnata tal-Ħamis jinġabar il-ħġieġ kull ħmistax. Huwa qal li fl-lokalijiet ġirien tagħna bħal Raħal Ġdid u Hal Għaxaq il-ġbir ta' l-iskart isir kif qed jipproponi hu.

Il-Kunsill qabel li qabel tiġi ntordotta din is-sistema l-ġdida trid issir kampanja ta' edukazzjoni intensiva biex ħadd ma jgħid li ma kienx jaf b'dan it-tibdil. Il-Kunsill qabel li minn l-ewwel ta' April 2014 tiġi ntrodotta il-bidla fis-servizz fir-rigward tal-ġurnata tat-Tlieta li fiha għanda tinġabar biss il-borża l-ġriża. Qabel ukoll li l-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart imħallat jiġi mġedded għal xahar u jiġi fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju minflok fl-ewwel ta' Mejju 2014. Il-Kunsill ħass li dan ikun biżżejjed biex jagħmel kampanja edukattiva dwar dan it-tibdil.

### 1.1 Kuntratt tal-Green Mt

Is-Sindku qal li kuntratt ieħor li hu relatat ma' l-ġbir ta' l-iskart huwa dak li l-Kunsill għandu ma' l-Green Mt. Huwa qal li l-kuntratt ma' Green Mt skada fl-14 ta' Awissu 2013. Huwa qal li saru taħdidiet dwar it-tiġdid ta' dan il-Kuntratt u l-Kunsill rabat diversi pendenzi ma' dan it-tiġdid, u għalkemm ġie mwiegħed li dawn ser jiġu ndirrizati baqgħa ma sar xejn. Huwa kompla jgħid li r-residenti ilhom xhur twal mingħajr boroż griżi filwaqt li l-Kuntrattur mhux jitħallas tal-ġbir tal-borża l-griża. Is-

Sindku qal ukoll li anki l-Kunsill għandu jieħu somma konsiderevoli mingħand dan il-Kuntrattur u jidher li l-affarijiet mhux ser jitjiebu. Il-Kunsill qabel li issa kien ta ċans biżżejjed u li wasal iż-żmien biex jabbanduna dan il-kuntratt u jidħol f'kuntratt ġdid ma' GreenPak. Is-Sindku qal li l-Kunsill diġa għamel il-*homework* tiegħu u jidher li ma' l-Kuntrattur Green Pak għandu jmur aħjar. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul il-proposta ta' Green Pak u ġie nutat li l-*bring in sites* eżistenti jridu jonqsu u li din kienet ser issolvi problemi marbutin ma' ċertu *nħawi* fejn hemm dan is-servizz bħal dik ta' Triq Prinjoli. Is-Segretarja Eżekuttiva ġiet inkarigata tikkordina laqgħa ma' Green Pak ħalli dan il-Kuntratt jiġi fis-seħħ mingħajr aktar telf ta' żmien.

## 2. KOMMUNIKAZZJONIJIET

### *2.1 Knis ta' Toroq*

Il-Kunsill iddiskuta is-servizz tal-knis u ġie nutat li dan mhux qed jilħaq il-livell mixtieq. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħt ittra lil Kuntrattur biex il-kennies jiġi l-Kunsill kuljum u jinforma l-Kunsill liema toroq inkinsu fil-ġurnata.

### *2.2 Inizjattivi favur il-Qari fil-Lokalita'*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar inizjattiva tal-Reġjun Nofsinhar favur il-qari fil-lokalitajiet. Huwa qal li l-Kunsill irid jorganizza attivita' sat-30 ta' Ġunju 2014 u jingħata għotja ta' €1000.00 li jridu jintefqu fil-libreriji tal-lokal. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li issir din l-attivita li magħtulha jsir *story telling* u tiġi varata skema marbuta ma' l-ambjent u l-qari fejn tfal li jiġbru numru ta' flixkien tal-*plastic* jingħataw ktieb. Din l-attivita għandha tiġi organizzata flimkien mal-librara tal-librerija pubblika f'Santa Luċija.

### *2.3 Bżonn ta' Railing fi Triq Ġuljetta Lopez*

Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-bżonn li jiġi nstallat *railing* fi Triq Ġuljetta Lopeż fejn il-venda tal-trasport pubbliku. Is-Sindku qal li diġa kien tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv dwar din il-proposta. Huwa qal li r-*railing* irid isir tul il-bankina kollha peress li din kienet ftit dejqa.

**3 TMIEM/AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.00p.m

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tlieta, 25 ta' Marzu 2014 fl-4.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum <u>.....................,...... ta' ...................... 2014</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**